Only the English language version of this Decision is authentic.

Decision made in Brussels, on 22 October 2014.

*For the EFTA Surveillance Authority*

Oda Helen SLETNES
*President*

Helga JÓNSDÓTTIR
*College Member*

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-EFTA

**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur, iddatata l-4 ta' Settembru 2014 fil-każ ta' Wow air ehf. vs Samkeppniseftirlitið (l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Islandiża), Isavia ohf. u Icelandair ehf.**

**(Każ E-18/14)**

(2015/C 11/06)

Permezz ta' ittra tal-4 ta' Settembru 2014, li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fl-4 ta' Settembru 2014, saret talba lill-Qorti tal-EFTA minn Héraðsdómur Reykjavíkur (il-Qorti Distrettwali ta' Reykjavík, l-Islanda) għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża ta' Wow air ehf. vs Samkeppniseftirlitið (l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Islandiża), Isavia ohf. u Icelandair ehf., dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93, tat-18 ta' Jannar 1993, dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slotts f'ajruporti tal-Komunità, jobbliga lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li koordinatur maħtur skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiġi mogħti, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu, setgħa amministrattiva indipendenti skont il-leġislazzjoni domestika bħala parti mill-eżekuttiv tal-Istat Membru, jew l-Istat Membru għandu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi l-istatus tal-koordinatur skont il-leġiżlazzjoni domestika?

2. Għandu jiġi preżunt, fl-istruzzjonijiet dwar it-trattament tal-ilmenti dwar l-allokazzjoni ta' slotts fl-Artikoli 8(7) u 8(8) tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, li l-ilmenti kollha, inklużi l-ilmenti bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-kompetizzjoni, ser jiġu soġġetti għall-proċedura preskritta fihom, jew il-premessa 15 tal-preambolu għar-Regolament għandha tinftiehem fis-sens li r-Regolament għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 85 u 86, b'tali mod li l-ilmenti bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-kompetizzjoni jkunu esklussivament soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fl-Istat Membru rilevanti u għandhom għalhekk jiġu sottomessi direttament lilhom?

3. Jekk l-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru toħroġ struzzjonijiet fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni domestika dwar il-kompetizzjoni, u b'referenza għar-Regolament (KEE) Nru 95/93, bl-intenzjoni li titħeġġeġ il-kompetizzjoni, għandu jiġi preżunt fir-Regolament li dawn l-istruzzjonijiet se jinħarġu għall-korp ta' amministrazzjoni ta' ajruport/awtorità kompetenti jew dawn l-istruzzjonijiet għandhom jinħarġu għall-koordinatur?

**Azzjoni mressqa fl-10 ta' Novembru 2014 minn DB Schenker kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA**

**(Kawża E-22/14)**

(2015/C 11/07)

Fl-10 ta' Novembru 2014 Schenker North AB, Schenker Privpak AB u Schenker Privpak AS (kollettivament DB Schenker), irrappreżentati minn Jon Midthjell, advokat, Advokatfirmaet Midthjell AS, Grev Wedels plass 5, N-0151 Oslo, in-Norveġja, ressqu azzjoni quddiem il-Qorti tal-EFTA kontra l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.

Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti tal-EFTA sabiex:

1. Tannulla d-deċiżjoni tal-ASE tad-9 ta' Settembru 2014 fil-Kawża Nru 75697 (DB Schenker);

2. Tordna lill-ASE u lil kull intervenjent biex iħallsu l-ispejjeż.

*L-isfond ġuridiku u fattwali u l-eċċezzjonijiet miġjuba bħala sostenn:*

— Ir-rikorrenti, Schenker North AB u Schenker Privpak AB, it-tnejn stabbiliti fl-Isvezja, u Schenker Privpak AS, stabbiliti fin-Norveġja, huma parti mill-grupp DB Schenker. Il-grupp huwa impriża globali tad-dispaċċ tal-merkanzija u l-loġistika ta' Deutsche Bahn AG.

— Permezz tas-sentenza tagħha fil-Kawża E-5/13 *DB Schenker vs ASE* fis-7 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-EFTA annullat id-deċiżjoni tal-ASE tal-25 ta' Jannar 2013 fil-Kawża tal-ASE Nru 73075 (DB Schenker) sa fejn irrifjutat aċċess sħiħ jew parzjali skont l-Artikolu 4(4) u (6) RAD 2012 għal dokumenti li jappartjenu lill-fajls tal-kawża li wasslu għad-Deċiżjoni tal-ASE Nru 321/10/COL (Norway Post - sistema ta' lealtà/skont) u rrifjutat li tagħti aċċess għall-verżjoni kompluta tad-Deċiżjoni ASE Nru 321/10/COL.

— Fis-17 ta' Lulju 2014, DB Schenker irċevew ittra permezz tal-posta elettronika mill-ASE li kienet tinfurmahom li l-ASE kienet reġgħet iddeċidiet li tirrifjuta l-aċċess ta' DB Schenker għad-dokumenti kontestati. DB Schenker kien mistieden jissottometti applikazzjoni konfermatorja jekk ried li l-ASE tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha.

— Fis-27 ta' Awwissu 2014, DB Schenker bagħat applikazzjoni konfermatorja lill-ASE. Fid-9 ta' Settembru 2014 l-ASE bagħtet ittra elettronika lil DB Schenker li kienet tinkludi kopja tad-deċiżjoni, li għal darba oħra ċaħħdet lil DB Schenker aċċess sħiħ jew parzjali skont l-Artikolu 4(4) u (6) RAD 2012 għall-istess dokumenti, jiġifieri d-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-fajls tal-kawża li wasslu għad-Deċiżjoni tal-ASE Nru 321/10/COL (Norway Post - sistema ta' lealtà/skont), u l-verżjoni kompluta tad-Deċiżjoni tal-ASE Nru 321/10/COL. DB Schenker ifittex li jannulla din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 36 KSA.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

— kisret l-eċċezzjoni tal-interessi kummerċjali fl-Artikolu 4(4) RAD [2012] u l-obbligu tas-segretezza professjonali fl-Artikolu 122 ŻEE, l-Artikolu 14(4) KSA u l-Artikolu 28(2) tal-Kapitolu II tal-Protokoll 4 KSA, u b'hekk żammet b'mod ħażin id-dokumenti kkontestati f'kontravvenzjoni tad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku fl-Artikolu 2(1) RAD 2012;

— kisret l-eċċezzjoni tal-interess pubbliku prevalenti fl-Artikoli 4(4) u 4(6) RAD 2012, u b'hekk żammet b'mod ħażin id-dokumenti kkontestati f'kontravvenzjoni tad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku fl-Artikolu 2(1) RAD 2012.

## ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' talba għal emenda skont l-Artikolu 50 (2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2015/C 11/08)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għat-talba għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

TALBA GĦAL EMENDA

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 510/2006 TAL-KUNSILL**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikolu u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**TALBA GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9**

**"Canard à Foie Gras du Sud-Ouest (Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord, Quercy)"**

**Nru tal-KE: FR-IĠP-0105-1000-25.5.2012**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Intestatura tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Żona ġeografika

— ☒ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☒ Tikkettar

— ☒ Rekwiżiti nazzjonali

— ☒ Oħrajn [Dettalji ta' kuntatt tal-grupp u tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, tip ta' prodott, żona ġeografika, regoli speċifiċi dwar l-ippakkjar u emendi fil-kitba tal-link.]

2. **Tip ta' emenda/i**

— ☒ Emenda tad-Dokument Uniku jew tal-Iskeda tas-Sommarju

— ☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni tad-DPO jew l-IĠP rreġistrati li għalihom ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku jew Sommarju

— ☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni li ma teħtieġ l-ebda emenda tad-Dokument Uniku ppublikat [l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006]

— ☐ Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjoni li tirriżulta mill-impożizzjoni ta' miżuri obbligatorji sanitarji jew fito-sanitarji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Mibdul bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

3. **Emenda (emendi)**

Il-grupp xtaq minn naħa jadatta l-ispeċifikazzjonijiet sabiex jiċċara u jispeċifika ċerti punti fih (b'mod partikolari sabiex jikkunsidra l-ispeċifiċitajiet tal-operaturi ż-żgħar, tal-bidliet tal-modi ta' preżentazzjoni tal-prodotti lill-konsumaturi, tal-modi ta' kummerċjalizzazzjoni fuq is-swieq tradizzjonali tat-tjur imsemmna li jibqgħu jirriflettu l-kultura rurali u gastronimika tal-Lbiċ ta' Franza) bħala parti minn proċess ta' titjib u, min-naħa l-oħra, sabiex jikkunsidra l-bidliet tekniċi tas-settur li seħħew mir-reġistrazzjoni tal-IĠP fis-sena 2000.

3.1 *Deskrizzjoni tal-prodotti*

Saru dawn l-emendi li ġejjin:

1. Żdiedet il-papra sħiħa (bil-fwied jew mingħajru) u tal-karkassa mnaddfa mill-ġewwieni.

Tradizzjonalment mibjugħa fuq is-swieq tal-foie gras tal-Lbiċ (swieq li jispeċjalizzaw fil-bejgħ ta' papri jew wiżż imsemmna u ta' biċċiet imqattgħin minn dawn it-tjur), ġew miżjuda d-diversi preżentazzjonijiet tal-papra sħiħa.

Dawn il-preżentazzjonijiet huma marbuta mal-annimal sħiħ maqtul, ma' diversi gradi ta' tneħħija tal-ġewwieni, li minnhom jinkisbu l-biċċiet imqattgħin jew il-ġewwieni li jidhru fl-ispeċifikazzjonijiet irreġistrati fl-2000 (prodotti nejjin jew prodotti pproċessati).

Il-papru sħiħ (bil-fwied jew mingħajru) u l-karkassa mnaddfa mill-ġewwieni huma ppreżentati friski jew iffriżati istantanjament jew iffriżati bil-mod.

Fost il-vixxri jew il-ġewwieni, il-fwied, il-qalb u l-qanżħa biss jistgħu jinbiegħu b'mod separat taħt l-IĠP.

Il-grupp għażel li jżomm il-lista tal-biċċiet tal-laħam u tal-ġewwieni li tidher fl-ispeċifikazzjonijiet tal-IĠP rreġistrat f'konformità mal-istorja u l-fama tal-prodotti tradizzjonalment mibjugħa li ġejjin mill-papra msemmna fil-Lbiċ. Ma xtaqx jestendi l-IĠP għal biċċiet imqattgħin li mhumiex tradizzjonali.

2. Żieda tal-preżentazzjoni fil-forma ta' qtugħ addizzjonali tal-prodotti kollha minbarra tal-papru sħiħ (bil-fwied jew mingħajru) u tal-karkassi mnaddfa.

Din saret biex ikunu jistgħu jinbiegħu porzjonijiet lill-konsumatur aħħari.

Barra minn hekk, fid-DU ntqal li l-preżentazzjoni tal-prodott tista' tkun fil-laned, semi-ppreżervat, iffriżati bil-mod jew iffriżati istantanjament. Dan huwa punt tal-ispeċifikazzjonijiet fis-seħħ.

3. Żieda tal-preżentazzjoni tal-foie gras nej imħawwar.

Din tipproponi prodott "lest biex jissajjar". Il-foie gras nej mibjugħ imħawwar ifisser il-prodott kif jiġi mħejji qabel ikompli jiġi pproċessat taħt l-IĠP. Il-ħwawar deskritti huma l-istess kemm għall-prodott nej imħawwar kif ukoll għall-prodott ipproċessat: "Melħ, melħ bin-nitrit, zokkor, ħwawar u pjanti aromatiċi, spirti, inbejjed tal-likuri, inbejjed, tartufi (Tuber melanosporum), aċidu askorbiku jew askorbat tas-sodju. Il-ħwawar huma limitati għal 4 % tal-piż tal-prodott imħejji, li massimu ta' 2 g minnhom ikunu sukrożju għal kull kg ta' prodott imħejji".

4. Żieda tal-possibbiltà l-foie gras nej jiġi ppreżentat mingħajr vini.

5. Definizzjoni tat-tirqim tas-sider tal-papru.

6. It-test tal-ispeċifikazzjonijiet u tad-dokument uniku ġie ċċarat f'dak li jirrigwarda l-isdra mnixxfa u affumikati: fir-realtà kull sider jiġi mnixxef, u jista' jkun affumikat ukoll.

3.2 *Prova tal-oriġini*

It-tabelli ġew aġġornati skont l-emendi magħmula fil-kapitolu "Metodu ta' produzzjoni" u r-regolamenti fis-seħħ. Il-kontenut ta' ċerti dokumenti ġie spjegat.

Żdied l-obbligu li wieħed ikollu kontabilità tal-materja prima għal kull sit (ara l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1898/2006 tal-Kummissjoni Ewropea [3]).

Il-kunċetti tal-lott huma spjegati.

3.3 *Metodi ta' produzzjoni*

Skont l-iżviluppi nazzjonali u Komunitarji dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-IĠP, din il-parti sarulha diversi emendi fil-forma u fis-sustanza.

Dawn huma l-bidliet li saru:

1. Tfaqqis

Ir-rekwiżiti relatati mat-tfaqqis ġew ripetuti biex jiġi ċċarat f'din il-parti li l-papri jkunu mnissla minn papri rġiel, tal-ispeċijiet *Cairina moschata* imsejħa *"papru ta' Barbarie"* jew mit-taħlita tal-ispeċijiet *Cairina moschata* × *Anas Platyrhinchos* (il-*papru ta' Barbarie* × u papra komuni) imsejħa canard mulard (papru bagħal). Mhijiex proprjament emenda iżda spostament ta' dispożizzjoni li kienet diġà teżisti fl-ispeċifikazzjonijiet.

Kien speċifikat ukoll li l-ġenituri użati għat-taħlit tar-razez għandhom jintgħażlu skont il-punti ta' referenza stabbiliti mis-Syndicat des Sélectionneurs Avicoles et Aquacoles Français [SYSAAF – Syndicat des Sélectionneurs Avicoles et Aquacoles Français (il-union ta' min irabbi t-tjur u tal-akkwakultura fi Franza)].

2. It-trobbija

— L-ispeċifikazzjonijiet ġew emendati sabiex jippermettu t-trasferiment tal-flieles tal-papri minn razzett għal ieħor (qabel jew wara 42 jum) fiż-żona ġeografika. Dan sar biex jitqiesu l-organizzazzjoni tas-settur u l-prattiki attwali tal-operaturi. Din il-prattika ta' trobbija titlob li minflok wieħed jibda minn flieles ta' jum, jibda minn annimali li għadhom żgħar.

— Id-differenza bejn id-densitajiet fil-bini u barra bejn annimali li jitħallew fl-istess bini tul it-trobbija tagħhom u l-annimali li jiġu spostati tneħħiet u minflokha ddaħħlet densità fil-bini skont l-età tal-annimali.

— Iddaħħal il-kunċett tal-użu mqassam ta' spazji miftuħa sabiex ikun hemm ġestjoni aqwa tal-kwalità ta' dawn l-ispazji miftuħa b'mod li jifforma inqas tajn u jonqsu l-effetti tiegħu fuq l-iżvilupp tal-annimal (annimali jzappu pereżempju). Dan it-tqassim huwa limitat mid-definizzjoni ta' erja istantanja disponibbli għal kull papru maqsuma minn-nofs. Dan it-tqassim jista' jkun assoċjat man-newba tal-ispazji miftuħa li għandha l-għan li tippermetti l-użu, għall-istess raġunijiet, ta' spazju miftuħ ieħor. Dawn l-emendi huma assoċjati mal-emenda fiż-żmien ta' mistrieħ tal-ispazji miftuħa bejn żewġ medded (12-il ġimgħa) u s-sostituzzjoni tiegħu b'perjodu totali ta' 168 jum mistrieħ fis-sena.

3. Il-formulazzjoni tal-porzjon

Il-porzjon tal-ikel imqassam lill-annimali qabel 42 jum ġie stabbilit u l-perċentwal tal-prodotti derivati mill-qmugħ taċ-ċereali mit-43 jum ġie limitat.

Il-klassijiet tal-ikel ġew definiti skont it-terminoloġija tal-leġiżlazzjoni Komunitarji fis-seħħ (ir-Regolament (UE) Nru 68/2013 tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-katalgu tal-materjali tal-għalf).

4. It-tmigħ sfurzat

Ġew introdotti diversi elementi:

— Piż minimu għall-annimali mitmugħa bilfors minbarra l-piż medju.

— It-tmigħ sfurzat kontinwu għall-produtturi bdiewa: jiġifieri t-tmigħ sfurzat tal-papri ta' etajiet differenti fl-istess waqt.

— Rekwiżiti tas-saħħa fil-livell tat-tmigħ sfurzat (tindif, diżinfettar, spazju ventilat taħt l-art).

(3) ĠU L 369, 23.12.2006, p. 1. Sostitwit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014 tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

— Il-perjodu ta' tmigħ sfurzat tnaqqas minn minimu ta' 12 għal 10 ijiem u minn minimu ta' 24 għal 20 ikla. Dan kien possibbli minħabba t-titjib xjentifiku u tekniku fit-tgħammir, fit-trobbija u fit-tmigħ sfurzat, mingħajr ma l-piż tal-fwied ikun kompromess. L-objettiv ta' kwalità b'mod partikolari f'termini ta' rata ta' tidwib huwa li wieħed ikollu fwied ta' madwar 550 g. Illum dan il-piż jintlaħaq u saħansitra jinqabeż fi żmien għaxart ijiem sa 12-il jum. Għaldaqstant ikun aħjar jekk jitqassar il-perjodu ta' tmigħ sfurzat biex l-operaturi jkollhom il-possibbiltà li jikkontrollaw id-daqs tal-fwied. Il-perjodu ta' tmigħ sfurzat biss ġie emendat, il-perjodu tat-trobbija ma nbidilx u l-piż minimu tal-fwied baqa' ta' 350 g.

— It-tip ta' qamħirrun użat għat-tmigħ sfurzat ġie speċifikat, tista' tintuża żerriegħa tal-qamħirrun u/jew qamħirrun mitħun (maxx).

5. Qatla

Iddaħħlet età minima ta' 91 jum sal-qatla għall-papru bagħal u 92 jum għall-papru ta' Barbarie. Din hija kjarifika li tikkorrispondi għat-total taż-żmien minimu ta' trobbija (81 jew 82 jum) u l-perjodu minimu ta' tmigħ sfurzat (10 ijiem).

6. Dispożizzjonijiet dwar il-karkassi

— Il-fażi tat-tneħħija tal-ġewwieni ġiet kompluta biex ikun iċċarat li l-marrara titneħħa waqt it-tindif tal-ġewwieni, li dan iseħħ fis-sħana jew fil-kesħa u biex tkun definita t-tneħħija tal-vini.

— It-tkessiħ tal-fwied u tal-karkassi ġie spjegat ukoll.

— It-tul ta' ħin bejn it-tindif tal-ġewwieni u t-tqattigħ (24h) u bejn il-qatla u l-iffriżar bil-mod jew l-iffriżar istantanju (48h) tneħħa u minfloku ġew stabbiliti regoli tal-iġjene speċifiċi għal kull operatur.

7. It-tħawwir tal-foie gras

It-tħawwir tal-foie gras nej huwa speċifikat u limitat għal 4 % tal-piż tal-prodott ippreparat.

8. L-ipproċessar tal-foie gras

— Ġiet speċifikata l-preżentazzjoni tal-foie gras nej maħsub għall-ipproċessar. Dan jista' jkun sħiħ, mingħajr vini, imqatta' jew imħawwar.

— Ġew speċifikati tliet stati ta' konservazzjoni: imkessaħ, iffriżat bil-mod jew iffriżat istantanjament. Il-kundizzjonijiet ta' kif il-fwied jiġi ffriżat bil-mod jew iffriżat istantanjament ġew speċifikati.

— Bħal fil-każ tal-foie gras nej li jinbiegħ imħawwar, it-tħawwir tal-foie gras maħsub għall-ipproċessar huwa definit u limitat għal 4 % tal-piż tal-prodott ippreparat.

— It-tisjir tal-foie gras imgeżwer fil-musulina, li qabel kien jixxebbah mat-togħlija bil-mod, ġie spjegat aħjar biżżieda tad-dispożizzjonijiet relatati mal-brodu użat, peress li dan huwa metodu tradizzjonali ta' sajran.

— Saru xi kjarifiki dwar il-prodotti "foie gras sħiħ" jew "foie gras": il-possibbiltà li jkun hemm biss lobu wieħed f'pakkett ta' piż nett ta' 250 g jew inqas, l-ingredjenti tal-ġelatina użata għall-kisi, ir-rata minima ta' tartufi biex wieħed ikun jista' jsemmi dan l-ingredjent fid-deskrizzjoni għall-bejgħ.

— Ġiet ipprovduta espressament il-possibbiltà li sa 10 % tat-taħlita tal-blokka ta' foie gras tista' tkun foie gras tal-IĠP diġà pproċessat u msajjar.

— Saru xi kjarifiki dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa biex wieħed ikun jista' jindika fuq it-tikketta l-preżenza ta' biċċiet, l-ingredjenti tal-ġelatina użata għall-kisi, u r-rata minima ta' tartufi.

9. L-ipproċessar tal-laħam

Ġie pprojbit l-użu tat-tmelliħ fis-salmura tal-laħam ipproċessat:

— Għas-sider imnixxef u affumikat:

  — ġew introdotti dettalji dwar it-tnixxif;

  - mhuwiex permess l-użu ta' ħwawar;
  - għall-affumikar, ġew ipprojbiti proċessi bħat-tlaħliħ, il-ħasil jew it-traxxix ta' duħħan likwidu;
  - ġiet introdotta lista pożittiva ta' ingredjenti.

- Għal-laħam ippreżervat:
  - huwa speċifikat li l-pakketti li ma jgħaddux minn stabbilizzazzjoni bis-sħana jissajru kompletament.
  - l-istabbilizzazzjoni bis-sħana (sajran doppju) tapplika biss għall-pakketti li għalihom din hija teknikament possibbli;
  - ġew iċċarati r-regoli dwar l-użu tad-denominazzjonijiet tal-bejgħ tal-laħam ippreżervat skont il-biċċiet li jkunu fil-pakkett.

3.4 *Tikkettar*

Fid-dawl tal-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-isem tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni ma għadux obbligatorju fuq it-tikketta tal-prodotti tal-IĠP, u għalhekk, il-grupp għażel li jneħħi dan l-obbligu mill-ispeċifikazzjonijiet.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar ġew riveduti sabiex ikunu konformi mad-denominazzjoni rreġistrata.

Ġie introdott l-użu ta' elementi kollettivi ta' tikkettar kif ukoll regoli dwar id-daqs tal-ittri għall-isem ġeografiku fid-denominazzjoni tal-bejgħ tal-prodott.

L-elementi kollettivi tat-tikkettar ġew iddefiniti fi skeda li l-grupp ipprovda għall-operaturi kollha.

3.5 *Rekwiżiti nazzjonali*

Fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi u regolatorji nazzjonali, l-intestatura "Rekwiżiti nazzjonali" hija ppreżentata fil-forma ta' tabella bil-punti ewlenin li jridu jkunu kkontrollati u l-metodu ta' valutazzjoni tagħhom.

3.6 *Oħrajn*

Id-dettalji tal-grupp u tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni

Id-dettalji ta' kuntatt tal-grupp ġew aġġornati u ġew miżjuda dawk tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni.

Tip ta' prodott

It-titolu tal-klassijiet tal-prodotti ġie aġġornat skont it-terminoloġija tar-regolamenti Komunitarji fis-seħħ. Din il-kitba ġiet ittrasferita fil-kapitolu "Deskrizzjoni tal-prodotti".

Żona ġeografika

Id-definizzjoni taż-żona ġeografika tal-IĠP ma nbidlitx. Iżda l-preżentazzjoni tagħha nbidlet: il-lista tal-cantons ġiet sostitwita mil-lista tal-muniċipalitajiet relatati.

Regoli speċifiċi għall-ippakkjar

Ġie speċifikat li kull operazzjoni mit-trobbija sal-ippakkjar għandha sseħħ fiż-żona ġeografika definita. Għaldaqstant l-obbligu tal-ippakkjar fiż-żona jidher b'mod espliċitu fil-parti "Iż-żona ġeografika" tal-ispeċifikazzjonijiet.

Dan kien diġà impliċitu fl-ispeċifikazzjonijiet attwali permezz tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- paġna 34, "il-laħam ippreżervat jiġi ppakkjat fil-kontenut finali";

— paġna 32 u 34, huwa previst li l-isdra u l-foies gras jitqiegħdu fil-vakwu;

— paġna 32, it-trattament bis-sħana finali tal-preparazzjonijiet tal-foie gras isir wara l-ippakkjar.

L-ippakkjar fiż-żona ġeografika jgħin sabiex jinżammu l-karatteristiċi tal-prodotti.

Il-ġewwieni u l-laħam tal-papra huma prodotti fraġli li għandhom tendenza li jossidaw f'kuntatt mal-arja. L-ippakkjar fiż-żona ġeografika jnaqqas il-ħin bejn il-preparazzjoni u l-ippakkjar u għaldaqstant huwa mezz biex jiġi evitat kwalunkwe tibdil f'dawn il-prodotti.

Fil-każ tal-foies gras ipproċessati u l-prodotti ppreżervati, l-ippakkjar huwa parti integrali mill-proċess ta' manifattura, minħabba li dawn il-prodotti jingħataw trattamenti fis-sħana finali ta' stabilizzazzjoni wara l-ippakkjar.

Fl-aħħar nett l-ippakkjar fiż-żona jiffaċilita t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-prodotti.

Emendi fil-kitba b'mod partikolari fil-parti tar-Rabta

Dan il-kapitolu nkiteb mill-ġdid biex tintwera r-rabta tal-prodotti l-ġodda maż-żona ġeografika u sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-kitba attwali.

Dan il-kapitolu ġie organizzat skont it-tliet kapitoli li ġejjin u li ġew emendati:

1. Il-kapitolu "Speċifiċità taż-żona ġeografika" reġa' nkiteb u tqassam aħjar biex ikun aktar faċli:

   — l-identifikazzjoni taż-żona ġeografika li l-limiti tagħha huma ppreżentati fir-rigward tal-unitajiet ġeografiċi jew amministrattivi ta' madwarha;

   — id-deskizzjoni tal-fatturi naturali karatteristiċi taż-żona ġeografika, jiġifieri t-temp, il-pajsaġġ u l-predominanza tal-kultivazzjoni tal-qamħirrun. Mhemmx deskrizzjoni tat-tip ta' ħamrija, minħabba li l-iżvilupp tal-kultivazzjoni tal-qamħirrun huwa prinċipalment ir-riżultat tal-kundizzjonijiet tat-temp fiż-żona ġeografika. Ma' dan il-punt ingħatat ukoll dejta b'ċifri eżatti;

   — id-deskrizzjoni tal-fatturi umani li jixhdu l-karatteristiċi tradizzjonali tat-trobbija fil-Lbiċ sa mill-Medju Evu u l-iżvilupp tal-bejgħ tal-papru tal-foie gras fil-Lbiċ.

2. L-ispeċifiċitajiet tal-prodotti kollha koperti mill-IĠP ġew spjegati fil-kapitolu "Speċifiċità tal-prodott", u b'mod partikolari dawk tal-klassi ta' prodotti introdotta taħt it-talba għal emenda (il-papru sħiħ (bil-fwied jew mingħajru) u l-karkassa mnaddfa mill-ġewwieni).

3. Il-kapitolu "Rabta kawżali" inkiteb mill-ġdid biex ikun iċċarat li din hija bbażata essenzjalment fuq ir-reputazzjoni li tintwera permezz ta' elementi aktar preċiżi.

L-elementi tradizzjonali li huma l-istabbiliment u l-kultivazzjoni tal-qamħirrun fir-reġjun, l-ekonomija kampanjola bbażata fuq it-trobbija tal-papri msemmna u t-tekniki ta' konservazzjoni partikolari, inżammu iżda ġew imqassma aħjar u ċċarati aktar.

Għaldaqstant ir-rabta kawżali hija bbażata fuq dawn l-elementi:

— iż-żona ġeografika għandha kundizzjonijiet tat-temp ideali għall-kultivazzjoni tal-qamħirrun;

— il-qamħirrun stabbilixxa ruħu fir-reġjun sa mis-seklu sittax, u malajr sar wieħed mill-prodotti tal-ikel ewlenin tat-tjur inġenerali u tal-papri b'mod aktar partikolari;

— id-distribuzzjoni ta' dan iċ-ċereali għenet lill-bdiewa jispeċjalizzaw fit-trobbija tal-papri msemmna u jiżviluppaw għarfien speċifiku dwar it-trobbija bbażat fuq tismin sfurzat iżda gradwali tal-papri (it-tmigħ sfurzat);

— dan il-metodu ta' trobbija tal-papri msemmna huwa l-għerq tal-karatteristika speċifika tagħhom, li tikkonsisti f'rata ta' tismin sostanzjali kif ukoll żvilupp muskolari tajjeb;

— l-iżvilupp ta' dan it-tip ta' trobbija kien akkumpanjat mill-aġġustament tat-tekniki oriġinali ta' konservazzjoni (ippreżervar u bbottiljar);

— dawn it-tekniki ta' konservazzjoni wasslu għal kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti fuq skala akbar minn impriżi tan-negozju speċjalizzati;

— l-istabbiliment ta' dawn l-impriżi kkontribwixxa għall-iżvilupp tar-reputazzjoni tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ fir-reġjun tal-oriġini tiegħu iżda wkoll fuq skala nazzjonali mbagħad internazzjonali.

Saru diversi emendi fil-kitba (sentenzi fformulati mill-ġdid, kjarifiki, ċaqliq ta' paragrafi, eliminazzjoni ta' paragrafi żejda).

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 510/2006 TAL-KUNSILL**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikolu u l-oġġetti tal-ikel** [4]

**"Canard à Foie Gras du Sud-Ouest (Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord, Quercy)"**

**Nru tal-KE: FR-IĠP-0105-1000-25.5.2012**

**IĠP ( X ) DPO (  )**

1. **Isem**

"Canard à Foie Gras du Sud-Ouest (Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord, Quercy)"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.1. Laħam (u ġewwieni) frisk

Il-kategorija 1.2 Prodotti abbażi tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1*

Il-canard à foie gras du Sud-Ouest (papru tal-foie gras tal-Lbiċ) ġej minn papru ta' barbarie jew papru mulard (bagħal).

Il-papru tal-foie gras tal-Lbiċ jitrabba fil-miftuħ imbagħad jiġi mitmugħ bilfors mill-81 jum fil-każ tal-papri bgħula u mit-82 jum fil-każ tal-papri ta' barbarie.

Il-papru tal-foie gras tal-Lbiċ jiġi mitmugħ bilfors għal minimu ta' 10 ijiem u b'minimu ta' 20 ikla.

Imbagħad jinqatel u skont ma jkun meħtieġ jitqatta' u jiġi pproċessat.

Il-papru tal-foie gras tal-Lbiċ għandu ġilda u xaħam ta' lewn abjad safrani sa isfar.

Id-diversi prodotti li ġejjin mill-papru tal-foie gras tal-Lbiċ huma dawn li ġejjin:

— Il-laħam frisk u l-ġewwieni: Il-papru sħiħ (bil-fwied jew mingħajru) u l-karkassa mnaddfa mill-ġewwieni, il-foie gras, is-sider, il-koxxa, il-flett, il-qalb, id-drumsticks, il-qanżħa.

Il-papru sħiħ bil-fwied jikkorispondi għall-papru sħiħ maqtul, imnittef u mhux imnaddaf.

(4) Mibdul bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

Il-papru sħiħ mingħajr fwied jikkorrispondi għall-papru sħiħ maqtul, imnittef, mhux imnaddaf, bil-fwied asportat.

Il-karkassa mnaddfa tikkorrispondi għall-papru sħiħ, maqtul, imnittef u mnaddaf għal kollox.

Il-foie gras nej huwa artab, b'lewn uniformi u mingħajr difetti. Il-piż minimu tiegħu huwa ta' 350 gramma u jista' jiġi wkoll imħawwar.

Il-magrets huma s-sider (ma jinkludux il-muskolu tal-flett). Kull sider jiżen mill-inqas 300 gramma u jkun miksi bil-ġilda u bix-xaħam ta' taħt il-ġilda. Ir-rata ta' xaħam (xaħam + ġilda/piż totali) tkun bejn 25 % u 45 %. L-isdra jiġu mnittfa għal kollox u mirquma b'attenzjoni kbira. It-tirqim irid ikun regolari, għat-tond, bi proporzjon żgħir ta' xaħam viżibbli, fuq in-naħa tal-laħam.

Il-koxox huma l-biċċiet tal-laħam, il-ġilda u x-xaħam kollu li jiksu l-wirk, il-qasba u l-fibula. Iż-żewġ qatgħat għandhom isiru mill-ġogi. Ma għandux ikollhom daqqiet jew grif. Dawn ikunu mnittfa għal kollox, mirquma bir-reqqa u l-ponot tar-rix imneħħija kif suppost.

Il-fletti huma l-parti ta' ġewwa tal-muskolu tas-sider li tkun imqabbda mal-karkassa. Dawn ma jkollhomx daqqiet u jiġu ppreżentati sħaħ.

Il-qalb tiġi ppreżentata sħiħa, mingħajr qtugħ u mingħajr l-aorta.

Id-drumstick hija l-ewwel ġonta tal-ġewnaħ. Din tkun ippreżentata mirquma kif suppost, mingħajr kisriet, skaldi ta' għadam jew daqqiet.

Il-qanżħa hija t-tieni borża diġestiva tal-papru magħmula minn muskolu oħxon u li tista' tittiekel. Din għandha tkun imqaxxra sewwa minn ġewwa, imnaddfa mix-xaħam fuq barra u mgħandhiex tinkludi biċċiet mill-esofagu.

Dawn il-prodotti jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur friski, iffriżati bil-mod jew iffriżati istantanjament.

Jistgħu jkunu ppreżentati mqattgħin ħlief għall-papru sħiħ u għall-karkassa.

— Prodotti tal-laħam: foie gras sħiħ, foie gras, blokka ta' foie gras (bil-biċċiet jew mingħajrhom), sider imnixxef (jew imnixxef u affumikat), laħam ippreżervat (ġwienaħ, koxox, isdra, drumsticks, qnieżaħ).

Il-foie gras sħiħ huwa preparazzjoni magħmula minn fwied xaħmi sħiħ jew minn lobu jew diversi lobi tal-fwied xaħmi u mħawwar.

Il-foie gras huwa preparazzjoni magħmula minn biċċiet ta' lobi ta' fwied xaħmi (kull biċċa ta' lobu ta' fwied xaħmi li l-piż tagħha, fil-prodott lest, tkun mill-inqas 20 g) magħquda flimkien u mħawra.

Il-blokka ta' foie gras (bil-biċċiet jew mingħajrhom) hija preparazzjoni magħmula minn fwied xaħmi rikostitwit u mħawwar u wara miżjud b'xi biċċiet ta' fwied xaħmi.

L-isdra mnixxfa (jew imnixxfa u affumikati) isiru mill-isdra, immelħa bil-melħ xott u mnixxfa (jew imnixxfa u affumikati), u wara miżjuda b'xi ingredjenti.

Il-laħam ippreżervat huwa preparazzjonijiet ta' biċċiet ta' laħam tal-papru tal-foie gras, immellħin bil-melħ xott, imsajrin fix-xaħam tal-papru biss. L-uniċi partijiet tal-annimal li jistgħu jintużaw huma l-koxxa, il-ġwejnaħ (l-isdra u d-drumstick imwaħħlin), is-sider, id-drumstick u l-qanżħa.

Dawn il-prodotti jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur ippreżervati, semi-ppreżervati (jew nofshom imsajrin), iffriżati bil-mod jew iffriżati istantanjament. Jistgħu jinxtraw ukoll imqattgħin aktar.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-preparazzjonijiet li ġejjin mill-foie gras (fois gras sħiħ, foie gras, blokka ta' foie gras bil-biċċiet jew mingħajrhom) għandhom isiru minn foies gras tal-IGP.

L-isdra mnixxfa (jew imnixxfa u affumikati) għandhom isiru minn isdra tal-IĠP.

Il-laħam ippreżervat huwa mħejji minn biċċiet tal-laħam tal-IĠP immellħa minn qabel bil-melħ xott u msajrin fix-xaħam tal-papra.

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

L-ikel tal-papri waqt it-trobbija huwa magħmul minn mill-inqas 50 % qmuħ taċ-ċereali jew mill-prodotti derivati tagħhom u minn żrieragħ tal-legumi sa 42 jum. Wara, sakemm jasal iż-żmien tat-tmigħ sfurzat, ikun magħmul minn mill-inqas 70 % ta' qmuħ taċ-ċereali jew mill-prodotti derivati tagħhom u minn żrieragħ tal-legumi b'minimu ta' 15 % qamħirrun u massimu ta' 40 % qamħ.

Ir-razzjon tat-tmigħ sfurzat huwa magħmul minn minimu ta' 95 % qamħirrun maħsud fiż-żona ġeografika tal-Lbiċ. Il-papri jiġu mitmugħa bilfors għal 10 ijiem u b'minimu ta' 20 ikla b'qamħirrun sħiħ jew mitħun.

Din il-prattika hija bbażata fuq l-użanzi. L-introduzzjoni u mbagħad il-kultivazzjoni tal-qamħirrun fil-Lbiċ huma l-bażi tal-istabbiliment tal-ekonomija tat-tjur imsemmna, minħabba li dan iċ-ċereali għandu karatteristiċi rikonox-xuti għat-tismin tat-tjur.

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika indikata*

Il-papri tal-foie gras tal-Lbiċ huma mrobbija, mitmugħa, maqtula u mqattgħin u pproċessati skont il-ħtieġa fiż-żona ġeografika.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.*

Il-fatt li l-ippakkjar isir fiż-żona ġeografika jgħin biex jinżammu l-karatteristiċi tal-prodotti.

Il-ġewwieni u l-laħam tal-papru huma prodotti fraġli li jossidaw faċilment f'kuntatt mal-arja. L-ippakkjar fiż-żona ġeografika jnaqqas il-ħin bejn il-preparazzjoni u l-ippakkjar u għaldaqstant huwa mezz biex jiġi evitat kwalunkwe tibdil f'dawn il-prodotti.

Fil-każ tal-foies gras ipproċessati u l-prodotti ppreżervati, l-ippakkjar huwa parti integrali mill-proċess ta' manifat-tura, minħabba li dawn il-prodotti jingħataw trattament fis-sħana finali ta' stabilizzazzjoni wara l-ippakkjar.

Fl-aħħar nett l-ippakkjar fiż-żona jiffaċilita t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-prodotti.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi għat-tikkettar*

It-tikketta tal-prodott ikkummerċjalizzat tinkludi:

— id-denominazzjoni "Canard à foie gras du Sud-Ouest (Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord, Quercy)";

— id-deskrizzjoni tal-prodotti akkumpanjata minn wieħed mit-termini ġeografiċi li ġejjin: Sud-Ouest, Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord jew Quercy. F'dan il-każ, il-prodott finali jkun ġej minn papru mrobbi, mit-mugħ, maqtul, imqatta', ippreparat u ppakkjat fiż-żoni ta' produzzjoni msemmija;

— l-elementi kollha ta' fuq it-tikketta skont l-iskeda kollettiva fis-seħħ stabbilita mill-grupp u pprovduta lill-opera-turi kollha. Kull emenda tiġi kkomunikata lill-operaturi kollha, kif ukoll lill-awtorità ta' kontroll u lill-awtorita-jiet ta' kontroll kompetenti.

## 4. Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika hija magħmula mir-reġjuni, mid-dipartimenti u/jew il-cantons li ġejjin:

AQUITAINE (Dordogne, Gironde, Landes, Lot-et-Garonne, Pyrénées-Atlantiques),

Midi-Pyrénées (Lot, Tarn-et-Garonne, Gers, Hautes-Pyrénées, Haute-Garonne, Ariège, Tarn, Aveyron),

LIMOUSIN: Corrèze u l-cantons ġirien ta' Haute-Vienne: Saint-Mathieu, Chalus, Saint-Yrieix-la-Perche, Aude: il-cantons ta' Castelnaudary Sud u Nord, Salles, Belpech u Fanjeaux

Ix-CHALOSSE hija magħmula mill-cantons tal-Landes li ġejjin: Pouillon, Montfort, Amou, Hagetmau u Saint-Sever.

Il-GASCOGNE hija magħmula mid-dipartimenti ta' Gers, ta' Landes, tal-Hautes-Pyrénées u l-muniċipju ta' Saint-Gaudens (Haute-Garonne).

Il-GERS jikkorrispondi għad-dipartiment amministrattiv ta' Gers.

Il-LANDES jikkorrispondi għad-dipartiment amministrattiv ta' Landes.

Il-PERIGORD huwa magħmul mid-dipartiment ta' Dordogne, u mill-cantons ġirien ta' Haute-Vienne (Saint-Mathieu, Chalus u Saint-Yrieix-la-Perche), ta' Corrèze (Lubersac, Juillac, Ayen, Larche u Brive-la-Gaillarde), ta' Lot (Souillac, Payrac, Gourdon, Salviac, Cazals u Puy-l'Évêque) u ta' Lot-et-Garonne (Fumel, Monflanquin, Villereal, Castillonnes u Lauzun, Duras).

Il-QUERCY huwa magħmul mid-dipartiment ta' Lot u mill-cantons ta' Tarn-et-Garonne li ġejjin: Montaigu-de-Quercy, Bourg-de-Visa, Moissac, Lauzerte, Molières, Lafrançaise, Montauban, Montpezat-de-Quercy, Caussade, Négrepelisse, Monclar-de-Quercy, Villebrumier, Caylus u Saint-Antonin-Noble-Val.

## 5. Rabta maż-żona ġeografika

### 5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

(a) Fatturi naturali

Iż-żona ġeografika tikkorrispondi ġeneralment għall-entità ġeologika tal-baċin ta' Aquitaine, baċin kbir sedimentarju ffurmat fl-erja sekondarja, li jokkupa parti kbira mil-Lbiċ ta' Franza. Fil-Punent tmiss mal-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar tmiss mal-katina ta' muntanji tal-Pirinej, fil-Lvant il-konfini tagħha huma l-linja bejn il-Massif Central u l-belt ta' Castelnaudary u fit-Tramuntana tmiss mal-konfini amministrattivi tar-reġjun ta' Poitou-Charentres.

Hija kkaratterizzata minn sensiela ta' pjanuri u minn għoljiet kultivabbli kif ukoll mill-klima moderata tat-tip semi-oċeanika.

It-temperaturi jkunu għoljin u tinżel kwantità sinifikanti ta' xita matul is-sajf. Fi kwalunkwe każ, il-medja ta' xita li tinżel fiż-żona ġeografika taqbeż id-900 mm (Sors: Météo France għall-perjodu 1981-2010).

Minħabba dawn il-kundizzjonijiet tat-temp, iż-żona ġeografika minn dejjem kienet art ideali għall-kultivazzjoni tal-qamħirrun: "*Huwa l-qamħirrun li jinżera' l-aktar bħala t-tieni ċereali, għaliex huwa biss ftit aktar tard li jkun jeħtieġ l-ilma. Il-Lbiċ huwa l-aħjar reġjun għal dan il-qamħ[…]. Fil-fatt huwa biss hawnhekk li l-qamħirrun isib […] il-kundizzjonijiet ta' sħana u ta' umdità li għandu bżonn*" (DE LAVERGNE, M.L. (1860) *Economie rurale de la France depuis 1789. (Ekonomija rurali ta' Franza mill-1789)* Pariġi: Guillaumin et C[ie] u Librairie agricole de la maison rustique).

(b) Il-fatturi umani

It-trobbija tradizzjonali tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ fiż-żona ġeografika

Il-ħajja tal-kampanja fil-Lbiċ sa mill-Medju Evu hija kkaratterizzata mill-predominanza ta' rziezet żgħar u mill-kiri tal-uċuħ tar-raba'. Madankollu, il-preżenza tat-tjur għat-tismin fl-irziezet saret, minn din l-epoka, karatteristika speċifika tal-irziezet tal-Lbiċ.

It-trobbija tat-tjur għaldaqstant kienet mezz konsiderevoli kif il-bidwi jipprovdi l-ikel għalih u għall-familja tiegħu. Sa mis-seklu sittax, żdiedet il-karatteristika li tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-qamħirrun li, minn kmieni, minn meta ddaħħal fil-Lbiċ fis-seklu sittax, ħa post il-millieġ u l-milju fl-għalf tal-annimali mbagħad bħala ikel għan-nies tar-reġjun.

Sa tmiem is-seklu sbatax il-papri kienu jismnu waħedhom billi jieklu qamħirrun kemm iridu f'kamra mudlama. L-iżvilupp tat-teknika tat-tmigħ sfurzat lejn tmiem is-seklu tmintax, bidel il-mod ta' tismin tal-annimali bid-distribuzzjoni aktar intensiva tal-qamħirrun nej jew imsajjar fil-forma ta' dqiq jew f'gerbub.

Kummerċjalizzazzjoni antika tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ u tal-prodotti dderivati minnu.

Dan il-metodu ta' trobbija karatteristiku beda jkun akkumpanjat, mis-seklu sbatax, mill-iżvilupp fl-irziezet tal-Lbiċ ta' metodu ta' preżervazzjoni speċifiku tal-biċċiet tal-laħam u tal-ġewwieni tal-papri msajra fix-xaħam: il-laħam ippreżervat (confit). Il-kummerċ tal-prodotti derivati mill-papru tal-foie gras tal-Lbiċ kompla jiżviluppa aktar fi tmiem is-seklu tmintax, bis-saħħa tal-invenzjoni tal-ibbottiljar minn Nicolas Appert li ssemplifikat il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti pproċessati derivati mill-papra (foies gras u laħam ippreżervat b'mod partikolari), fil-forma ta' ikel fil-bottijiet, u li għenet biex jinkiseb aċċess għal swieq ġodda lil hinn mill-fruntieri tal-Lbiċ.

Minn tmiem is-seklu tmintax il-bejgħ tal-papri msemmna sħaħ jew imnaddfa u tal-foie gras nej żviluppa fil-kuntest tas-swieq tat-tjur imsemmna, speċjalizzati esklussivament fil-kummerċjalizzazzjoni diretta ta' dawn il-prodotti u organizzati bejn tmiem il-ħarifa u l-bidu tar-rebbiegħa.

Illum, dawn is-swieq tat-tjur imsemmna għadhom isiru f'għadd ta' bliet tal-Lbiċ bħal Samatan (Gers), Seissan (Gers), Périgueux (Périgord), Mont de Marsan (Landes), Cahors (Quercy) u Monfort-en-Chalosse (Chalosse). Dawn is-swieq tradizzjonali jipproponu lill-produtturi li jbiegħu direttament papri sħaħ (bil-fwied jew mingħajru), karkassi mnaddfa mill-ġewwieni kif ukoll il-qatgħat kollha tal-papru u tal-ġewwieni bħall-foie gras nej, il-qnieżaħ u l-qlub.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott*

L-ispeċifiċità tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ tinsab fir-rata għolja tiegħu ta' tismin li ġejja minn metodu ta' trobbija u ta' għalf speċifiku bbażat fuq proċess gradwali tat-tismin tal-annimali.

Wara trobbija fit-tul f'żoni miftuħa għal minimu ta' 81 jum, il-papru tal-foie gras tal-Lbiċ jissemmen gradwalment għal mill-inqas 10 ijiem fejn mill-inqas 95 % tar-razzjon ikun magħmul minn qamħirrun.

Il-karkassi li jirriżultaw minn dan il-metodu tradizzjonali jkollhom ġilda u xaħam ta' lewn abjad safrani sa isfar kif ukoll rata ta' simna għolja li tidher fil-biċċiet kollha tal-papru u tirriżulta f'rata ta' simna tal-isdra ta' bejn 25 u 45 %; kif ukoll minn konformazzjoni tajba tal-annimali li jippreżentaw qatgħat ta' piż konsiderevoli, pereżempju l-piż minimu tal-isdra jkun ta' 300 g u dak tal-foie gras huwa ta' 350 g.

Min-naħa l-oħra, sa mis-seklu tmintax il-koki skoprew il-karatteristiċi uniċis tal-foie gras, u kkontribwew biex dan ħa l-fama kbira li għandu.

Il-papru tal-foie gras tal-Lbiċ igawdi wkoll minn reputazzjoni kbira akkwistata minn żmien twil ilu li tiżboq ferm il-konfini tal-Lbiċ u saħansitra anki ta' Franza.

5.3. *Ir-rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Ir-rabta mal-oriġini tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ hija essenzjalment ibbażata fuq ir-reputazzjoni tal-papru tal-foie gras tal-Lbiċ u tal-prodotti tiegħu.

Din ir-reputazzjoni hija l-ewwel nett marbuta mal-użu lokali u tradizzjonali tal-qamħirrun għat-tismin tat-tjur.

Minħabba l-kundizzjonijiet ideali tat-temp, il-qamħirrun ġie kkultivat fiż-żona ġeografika sa mis-seklu sittax u malajr stabbilixxa ruħu bħala ċ-ċereali ewlieni b'mod partikolari għat-tismin tal-papri. Diversi xogħlijiet letterarji jagħmlu l-konnessjoni bejn din il-prattika ta' għalf u r-reputazzjoni tal-prodott: *"ir-reputazzjoni tal-fwied tal-papri tant magħruf fl-Ewropa kollha hija dovuta biss għal dan iċ-ċereali"* (PARMENTIER, M. (1785) *Rapport ippremjat fil-25 ta' Awwissu 1784 mill-Akkademja Rjali tax-Xjenzi, il-Lingwi u l-arti ta' Bordeaux*. Bordeaux: Arnaud-Antoine PALLANDRE). L-Abbé ROZIER ukoll isemmi din ir-rabta fit-trattat tiegħu dwar l-Agrikultura fl-1787: *"it-tjur ta' kull speċi […] irabbu ħafna xaħam u l-laħam tagħhom jikseb togħma fina u delikata, u għalhekk dawk l-aqwa fosthom huma ġejjin mill-postijiet fejn dan iċ-ċereali huwa kkultivat f'ammonti kbar"*.

Il-kultivazzjoni tal-qamħirrun għenet lill-produtturi jispeċjalizzaw fit-trobbija tat-tjur imsemmna u jiżviluppaw għarfien ibbażat fuq id-distribuzzjoni intensiva ta' dan iċ-ċereali u l-ġestjoni gradwali tat-tismin. Dan l-għarfien, flimkien ma' trobbija fit-tul fil-miftuħ, li hija possibbli minħabba l-klima moderata preżenti matul is-sena kollha, jgħin biex jinkisbu annimali żviluppati sew u li jkollhom rata ta' simna għolja. Id-distribuzzjoni tal-qamħirrun matul il-fażi tat-tismin tiddetermina l-kulur tal-ġilda u tax-xaħam skont it-tip ta' qamħirrun distribwit (qamħirrun abjad jew qamħirrun isfar).

Ir-reputazzjoni tal-Canard à foie gras du Sud-Ouest u tal-prodotti derivati minnu mbagħad żviluppat bis-saħħa tal-użu ta' tekniki oriġinali ta' preżervazzjoni tal-prodotti (il-preżervazzjoni u l-ibbottiljar) li għenu l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti lil hinn mil-Lbiċ ta' Franza u l-iżvilupp ta' rotot ta' kummerċjalizzazzjoni reġjonali u nazzjonali.

Bħala tali, ir-reputazzjoni tal-foie gras ilha kkonfermata għal żmien twil minn diversi xogħlijiet letterarji bħal *L'histoire de la vie privée des français* ta' Aussy, ippubblikat fl-1787, li jgħid li r-reputazzjoni ta' Toulouse hija bbażata fuq il-foie gras tal-papru jew il-*Larousse Ménager* tal-1926 li jgħid li "*il-foie gras iservi fuq kollox biex isiru patés u terrines, li ċerti reġjuni huma speċjalizzati fihom. […] Il-patés ta' Toulouse huma magħmula bil-fwied tal-papri u jikkompetu sew mal-patés ta' Strasbourg*".

Barra minn hekk, is-swieq tat-tjur imsemmna, stabbiliti sa minn tmiem is-seklu tmintax fiż-żona ġeografika u li għadhom isiru sal-lum, huma prova reali ta' kemm hija stabbilita sew fil-kultura l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti kollha, mill-papru sħiħ lest għat-tisjir sal-biċċiet tal-qatgħat u tal-ġewwieni ppreparati minn qabel.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

[L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 ([5])]

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPCanardafoiegrasduSudOuestV3.pdf

([5]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 4.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT